LEĦEN
IS-SANTWARJU
TA' ĦAŻ-ŻABBAR

APRIL 2019 – Ħarġa Nru: 169



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

# QAWMIEN KULJUM!

Bħala bnedmin, il-Ġimgħa l-Kbira – li fiha nfakkru l-passjoni ħarxa u l-mewt ta' Ġesù, aktar narawha rejali mill-qawmien tiegħu! Ilkoll kemm aħna nafu x'inhi t-tbatija, fiżika jew mentali. Ilkoll kemm aħna nafu x'inhi l-mewt, għax ilkoll ġarrabna t-telfa ta' xi qarib jew ħabib tagħna! Imma l-qawmien...?!! Ma nafu b'ħadd li miet u reġa' qam għall-ħajja... ħlief Lażżru u Ġesù!

**Il-qofol tal-fidi**

F'dawn il-ġranet se niċċelebraw il-qofol tat-twemmin tagħna – dak li nsejħulu ***l-Misteru tal-Għid.*** Flimkien se ngħixu mill-ġdid il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tal-Mulej! Ma jagħmilx sens li ngħixu l-passjoni u l-mewt biss. Kieku Ġesù ma qamx mill-mewt, ir-reliġjon nisranija ma teżistix. Ma jagħmilx sens temmen f'xi ħadd mejjet! Aħna nissejħu nsara, u nibqgħu segwaċi tal-Imgħallem, minkejja s-sekulariżmu sfrenat li



hawn fostna; nattendu għall-Ewkaristija tal-Ħadd, nirċevu s-sagramenti, ninġabru bħala komunità, naħdmu għat-tixrid tas-Saltna, ngħinu lil min għaddej minn żmien diffiċli jew batut... dan kollu nagħmluh għax Kristu *tassew* qam mill-mewt!

Ħafna drabi ninsew li kull darba li aħna mmutu għalina nfusna billi: inwettqu d-dover tagħna fil-familja jew fuq il-post tax-xogħol, naħfru, nagħdru, infittxu l-interessi tal-oħrajn barra dawk tagħna, infaħħru u napprezzaw, nimpenjaw ruħna fil-parroċċa u fis-soċjetà, nieħdu ħsieb tal-morda jew l-anzjani b'imħabba... u tant għemejjel oħra li jirrikkjedu li mmorru kontra tagħna nfusna... dan kollu jfisser li nkunu qed ngħixu l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù mill-ġdid!

**X'għamel Ġesù**

Ġesù ċarċar demmu kollu fuq is-salib għalina biex ħelisna minn taħt il-ħakma ta' Satana u biex b'hekk, ma nibqgħux skjavi tal-ġibdiet u tal-egoiżmu tagħna. Bħala persuni ħielsa, li kapaċi nagħtu direzzjoni lil ħajjitna, aħna nibdew nagħżlu t-tajjeb mill-ħazin. U meta jiena nagħżel it-tajjeb, jiġifieri dak li ma jaqbilx biss lili iżda anke dak li jaqbel lill-oħrajn, ifisser li nkun qed immut għalija nnifsi biex ngħix għall-oħrajn! Il-fatt li jiena nagħmel għażliet favur l-oħrajn, ifisser li qed ngħix kull darba l-qawmien tal-Mulej mill-mewt!

Mela daqskemm hi rejali t-tbatija u l-mewt fil-ħajja tagħna, daqstant ieħor huwa rejali

l-qawmien. Id-differenza bejn waħda u oħra hi li, filwaqt li t-tbatija u l-mewt jiġu fuqna mingħajr sforzi min-naħa tagħna, speċjalment meta jkollna niffaċċjaw il-mard u l-kriżijiet li ngħaddu minnhom, il-qawmien irridu nitħabtu għalih biex ngħixuh!

**Għażliet**

Ejjew, mela, f'dawn il-ġranet li ġejjin, nirriflettu ftit li biex ngħixu l-qawmien f'ħajjitna irridu kontinwament immorru kontra l-egoiżmu tagħna u kontra l-kurrent tad-dinja. Meta nagħmlu hekk, inkunu kapaċi nagħmlu għażliet li jiffavorixxu lil dawk li ngħixu u naħdmu magħhom. Dan iġib ċerta paċi fil-qalb u l-moħħ tagħna.

Nawguralkom il-kumplament tar-Randan it-tajjeb u minn issa, l-Għid it-tajjeb ukoll!

***Dun Evan***

---

*Riflessjoni għall-Ġimgħa Mqaddsa...*

# SEBA' KELMIET JEW FRAŻIJIET...!

*Matul il-Ġimgħa Mqaddsa, nisimgħu biċċiet mir-rakkonti tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù skond l-erba' evanġelisti. F'dawn is-slitiet żgur li nisimgħu dawk li jissejħu "is-seba kelmiet" jew "frażijiet" li Ġesù qal fuq is-salib qabel miet. Ma jagħmilx ħafna sens li niġbruhom flimkien waħda wara l-oħra, iżda rridu nifhmu dik il-frażi fil-kuntest tal-Evanġelju partikulari li tkun issemmiet. Ejjew narawhom waħda waħda:*



**F'San Mark u f'San Mattew:**
***"Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni".*** Dawn huma l-ewwel kelmiet tas-Salm 22 u li Ġesù x'aktarx irreċitah kollu fuq is-salib. Ġesù, ta' Lhudi tajjeb li kien, kien jafhom is-salmi għax kien jismagħhom jinqraw u jiġu spjegati fis-sinagoga kull nhar ta' Sibt. Dan is-salm juri bniedem għaddej minn tbatija ħarxa u jħossu abbandunat minn kulħadd, inkluż minn Alla. Iżda s-salm jintemm billi l-istess bniedem juri fiduċja f'Alla li se jeħilsu. Aħna wkoll ngħaddu minn mumenti bħal dawn, iżda meta nħarsu lura, nintebħu kemm il-Mulej kien magħna fil-mumenti iebsin tagħna.

**F'San Luqa:**
**"*Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu*".** Ġesù ta' San Luqa huwa l-Messija li jaħfer kontinwament u li anke jiskuża lid-dixxipli fin-nuqqasijiet tagħhom. Hawn Ġesù qed jaħfer ukoll lill-għedewwa tiegħu b'eżempju għalina.

***"Tassew ngħidlek, illum tkun miegħi fil-ġenna".*** Anke lil dak li kien imsallab miegħu ħafirlu wara li ammetta ħtijietu u wera' l-indiema. Il-kelma "illum" tfisser ħafna għal San Luqa. Ġesù ħafirlu u se jħaddnu miegħu fil-ġenna dakinhar stess mhux xi darba ma jafx meta. Anke lil Żakkew qallu "Inżel minn hemm, għax 'illum' lil din id-dar ġietha s-salvazzjoni." "Illum" għandu jkun mument ta' grazzja għal kull wieħed u waħda minna.

***"Missier, f'idejk jien nerħi ruħi".*** Hawn Ġesù jidher li qed imut mewta ta' bniedem seren. Wara li wettaq dak li l-Missier ried minnu, issa qed iħalli l-ispirtu jew ruħu f'idejh. Għalkemm f'ħajtu Ġesù għadda minn ħafna tbatija, hu kien qed imut mewta kalma għax kien persważ li wettaq ir-rieda ta' Missieru. Aħna wkoll, meta nħabirku ħalli nwettqu r-rieda t'Alla f'ħajjitna, tkun qed tistenniena mewta simili.

**F'San Ġwann:**

***"Mara, hawn hu Ibnek. Hawn hi ommok".*** Din "il-mara" tissemma l-ewwel darba fit-tieġ ta' Kana, fil-bidu tal-ministeru pubbliku ta' Ġesù. Minn hemm ma tissemmhiex aktar, sakemm tidher fl-aħħar mumenti ta' Ġesù taħt is-salib. Kienet hemm, wieqfa, taqsam it-tbatijiet ta' binha għas-salvazzjoni tal-umanità. Ġesù ma sejħilhiex "ma" jew "ommi" għax ried juri li hu kien lest jinfatam minn ommu tad-demm u l-laħam biex iwettaq biss ir-rieda ta' Missieru li bagħtu. Din l-omm tingħata lid-dixxiplu l-maħbub li qed jirrappreżenta lill-umanità biex hi, tindukraha bil-maternità spiritwali tagħha.

***"Għandi l-għatx".*** Tassew li Ġesù kien qed iġarrab l-għatx fiżiku. Id-demm li xerred fil-flaġellazzjoni u waqt it-tislib, ix-xemx tiżreġ ta' nofsinhar fil-Palestina, bil-fors li Ġesù kien bil-għatx. Imma Ġesù kellu "għatx" ieħor la semmieh San Ġwann: l-għatx li jara l-bnedmin kollha salvati bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien li kien għaddej minnhom. Jekk mhux kulħadd qed jasal għal dan, żgur li mhux tort tiegħu!

***"Kollox hu mitmum!"*** Ġesù ma jgħidx "Kollox spiċċut", iżda "mitmum". Bil-mewt tiegħu fuq is-salib, huwa temm ir-rieda ta' Missieru billi qed jagħlaq il-kapitlu tiegħu fuq din l-art f'ġisem bħal tagħna. Issa, se jibda kapitlu ġdid bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, f'ġisem glorjuż. Bih se jidher lill-appostli biex isaħħahom fil-fidi tagħhom fih. Aktar tard, meta kien se jmur għand il-Missier, kellu jkollu preżenza aktar qawwija minn dik li kellu f'ġisem ta' bniedem bħalna. Permezz tal-Knisja li hu waqqaf, permezz tal-Kelma, l-Ewkaristija u l-komunità ta' dawk li jemmnu fih, kulħadd jista' issa jħoss il-preżenza tiegħu, jinsab fejn jinsab.

*Mela dawn is-seba' kelmiet jew frażijiet, li għandna nqisuhom bħala t-"testment spiritwali" ta' Ġesù, għandna mhux biss inkunu nafuhom bl-amment, iżda ngħixuhom fil-prattika ħalli dan it-testment jibqa' jgħodd f'kull żmien.*

---

## TBERIK TAL-FAMILJI FI ŻMIEN IL-GĦID 2019

**APRIL**

| | |
|---|---|
| **Tnejn 22**: | Spadaro, Dejqa, Barun |
| **Tlieta 23**: | Sant'Antnin |
| **Erbgħa 24**: | Bajada + sqaqien |
| **Ħamis 25**: | Wied il-Għajn, Krexxuni |
| **Ġimgħa 26**: | Triq San Ġużepp + sqaqien |
| **Tnejn 29**: | Ċimiterju, Għobbejra |
| **Tlieta 30**: | Kaħwiela, Għadiba, Serer, Żabra |

**MEJJU**

| | |
|---|---|
| **Ħamis 2**: | Xgħajra + sqaqien |
| **Ġimgħa 3**: | Kunvent, Ċawsli |
| **Tnejn 6**: | Ġanni Bonavia, Imm. Kunċizzjoni |
| **Tlieta 7**: | Santa Duminka (djar biż-żewġ) |
| **Erbgħa 8**: | Santa Duminka (djar bil-fard) |
| **Ħamis 9**: | Bormla, Kittien, Ġ.Pace, Melita |
| **Ġimgħa 10**: | Espeditu Catania, Sagħtar, Saħħara, Ordni ta' San Ġwann |

- It-tberik jibda fil-5.00pm.
- Ikun xieraq li l-familja kollha tkun preżenti.
- Tajjeb li nżommu l-pets taħt kontroll.
- L-offerti tagħkom imorru għall-proġetti tal-parroċċa.
- Il-kumplament tat-toroq jidhru fil-ħarġa ta' Mejju.

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Carmela Baron (92), Carmela Pulis (88), Maria Gauci (61), Concetta Bounce (93), Emanuel Bugeja (64), Giovanna Piscopo (89), Maria Dolores Buhagiar (81), Maria Concetta Camilleri (66), Rita Gerada (62), Lorenza Carabott (82), Geoffrey Micallef (63), Maddalena Gheiti (78), Maria Concetta Barbara (92), Vincenza Bonavia (65), Maria Stella Gafa' (92), Maria Loreta Buhagiar (74), John Mallia (74).

## NILTAQGĦU NHAR … MARZU 2019

**Ħamis 4**: Fis-7.00pm, fis-santwarju, **ir-raba' katekeżi** dwar ir-rakkont tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù skond San Ġwann.
**Ġimgħa 5**: *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Fit-8.10pm kant ta' Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Wara l-qudidesa tat-8.30am u 6.30pm tingħata qima lil Ġesù Kurċifiss.
**Sibt 6**: Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.
**Ħadd 7:** **Il-Ħames Ħadd tar-Randan.** Fis-6.30pm **Kunċert ta' Mużika Sagra** għall-Ġimgħa Mqaddsa mill-Kor Notre Dame fil-knisja Arċipretali. Kulħadd imħeġġeġ jattendi.
**Tnejn 8**: Fil-quddiesa tas-6.30pm isir l-**aħħar kors** ta' Eżerċizzi għal Kulħadd minn P. Joe Zahra OP.
**Ġimgħa 12**: *Festa devozzjonali ta' Ommna Marija Addolorata*. Fit-8.10 kant tal-Lawdi. Fid-9.30am quddiesa għat-tfal tal-iskola. Fil-5.30pm quddiesa fis-santwarju animata mill-kor Notre Dame u fis-6.30pm pellegrinaġġ bil-vara tad-Duluri. Fi tmiemu, fuq iz-zuntier, issir ċelebrazzjoni Ewkaristika u barka Sagramentali. Fit-8.00pm quddiesa oħra fis-santwarju.
**Sibt 13**: Fis-7.30pm quddiesa fis-santwarju u tqassim tal-frieghi taż-żebbuġ għall-immigranti Kattoliċi.

**IL-ĠIMGĦA MQADDSA**

**Ħadd 14**: **Ħadd il-Palm**. Fl-10.00am toħroġ il-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm mis-santwarju għal quddiem il-kappella tal-Lunzjata fejn isir it-tberik tal-palm u ż-żebbuġ mill-E.T. Mons. Pawlu Darmanin OFM Cap., Isqof Emeritu ta' Garissa. Wara, Konċelebrazzjoni bil-qari tal-passjoni skont San Luqa. Il-quddiesa tal-11.30am issir f'11.45am. Inħeġġu l-ġenituri jlibbsu lit-tfal ta' Lhud.
**Tnejn 15:** *It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa*. Fis-7.00pm fis-santwarju, **konferenza** marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa.
**Tlieta 16**: *It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa*. Fis-6.00pm quddiesa fis-santwarju u fis-6.30pm jibda pellegrinaġġ bil-vara tal-Kruċifissjoni li matulu tingħad il-Via Crucis. Fid-dħul ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**Erbgħa 17**: *L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa*. Fis-7.00pm Via Crucis Djoċesana fil-Belt Valletta mmexxija mill-Arċisqof.
**Ħamis 18**: **Ħamis ix-Xirka**: Fid-9.30 Mons. Arċisqof imexxi konċelebrazzjoni f'San Ġwann, il-Belt fejn jitbierku ż-Żjut Imqaddsa tal-Magħmudija, Morda u l-Griżma. Fis-santwarju, fis-6.30pm Konċelebrazzjoni Solenni *in Coena Domini* bil-Ħasil tar-Riġlejn. Wara, Tranżlazzjoni tas-SS.mu Sagrament sal-Altar tar-Repożizzjoni. Fit-8.30pm u fid-9.30pm Viżti organizzati. Fl-10.15pm Sahra quddiem Ġesù Ewkaristija li tintemm bit-Talba ta' Għeluq il-Jum jew il-Kompieta.
**Ġimgħa 19**: **Il-Ġimgħa l-Kbira**: *Jum ta' sawm u astinenza*. Il-Viżti jsiru fis-6.30am u s-7.30am. Fit-8.30am kant tal-Uffiċċju tal-Qari (Matutin) u t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum (Lawdi) flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa. Fl-10.15am adorazzjoni mmexxija mill-membri tal-Museum. Fil-11.00am isiru l-aħħar Viżti. *Matul il-jum ta' filgħodu jkun hemm konfessuri għall-qrar fis-santwarju*. Fit-3.00pm Ċelebrazzjoni Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej: Liturġija tal-Kelma, Adorazzjoni tas-Salib u Tqarbin. *Nosservaw dan il-jum bħala jum ta' skiet intern*.
**Sibt 20**: **Sibt il-Għid**. Fit-8.00pm tibda ċ-Ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid. Isiru wkoll il-Magħmudijiet.
**Ħadd 21**: **Solennità tal-Għid il-Kbir**. Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni.

**Tnejn 22**: Issir **festa tal-Għid għat-tfal**. Fid-9.30am, it-tfal kollha jinġabru quddiem il-kappella ta' Santa Marija u jaslu l-Mużew tas-subien għall-programm apposta għalihom u logħob. Fil-5.00pm jibda t-tberik tal-Familji fi żmien il-Għid.
**Ħadd 28:** **It-Tieni Ħadd tal-Għid u Ħadd il-Ħniena Divina.** Fl-10.00am it-tieni **seminar** għall-ġenituri li wliedhom se jagħmlu l-Griżma tal-Isqof din is-sena.